Il-Ħamis 7 ta' Ottubru 2021

P9_TA(2021)0411

Rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Fondi Fiduċjarji tal-UE u l-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-Fondi Fiduċjarji tal-UE u l-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija (2020/2045(INI))

(2022/C 132/08)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 208, 210, 214 u 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja ([3]),

— wara li kkunsidra l-baġits ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-snin finanzjarji 2015, 2016, 2017, 2018, 2019, 2020 u 2021,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2011 dwar l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM) (COM(2011)0743),

— wara li kkunsidra l-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari u l-Patt Globali dwar ir-Rifuġjati, it-tnejn adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-2018,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM(2016)0385),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tas-Summit tal-Belt Valletta f'Novembru 2015,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016,

— wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew ġdid għall-Iżvilupp bit-titolu "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna", iffirmat fit-30 ta' Ġunju 2017,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2014 bit-titolu "Tool-box – A rights-based approach, encompassing all human rights for EU development cooperation" (Sett ta' għodod – Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE) (SWD(2014) 0152),

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([2]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([3]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

— wara li kkunsidra l-Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja tat-30 ta' Jannar 2008,

— wara li kkunsidra l-ftehimiet kostituttivi oriġinali tal-Fond Fiduċjarju Bêkou tal-UE (EUTF), l-EUTF Madad, l-EUTF Afrika u l-EUTF Kolombja, u l-ftehimiet kostituttivi riveduti tagħhom ta' Diċembru 2020,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)9500 tal-24 ta' Novembru 2015 dwar il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni – il-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija ([4]), kif emendata mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2016)0855 tal-10 ta' Frar 2016 ([5]), C(2017)2293 tat-18 ta' April 2017 ([6]), C(2018)1500 tal-14 ta' Marzu 2018 ([7]), u C(2018)4959 tal-24 ta' Lulju 2018 ([8]),

— wara li kkunsidra r-Raba' Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar il-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija tat-30 ta' April 2020 (COM(2020)0162), kif ukoll ir-rapporti preċedenti tagħha,

— wara li kkunsidra s-Seba' Rapport tar-Riżultati dwar l-EUTF Madad,

— wara li kkunsidra r-rapporti speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-Fond fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana: bidu promettenti minkejja xi nuqqasijiet" (Nru 11/2017); "Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija: appoġġ utli, iżda jeħtieġ li jsir titjib biex jinkiseb aktar valur għall-flus" (Nru 27/2018); u l-"Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika: Flessibbli, iżda mhuwiex iffukat biżżejjed" (Nru 32/2018),

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni biex jiġu estiżi l-EUTFs sa Diċembru 2021 f'konformità mal-Artikolu 234 tar-Regolament Finanzjarju, u l-pożizzjonijiet tal-Parlament dwar l-abbozz tad-deċiżjonijiet ta' estensjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE: analiżi ta' nofs it-terminu fl-2017 u arkitettura futura wara l-2020 ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument tal-Għajnuna Umanitarja u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika: l-implikazzjonijiet għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar Strateġija ġdida UE-Afrika – sħubija għal żvilupp sostenibbli u inklużiv,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-20 ta' Jannar 2021 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni – rapport annwali 2020 ([12]), tat-18 ta' Mejju 2017 dwar l-istrateġija tal-UE rigward is-Sirja ([13]), tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar is-Sirja ([14]), tal-24 ta' Novembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja ([15]), tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2016 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016: Introduzzjoni tas-surplus tas-sena finanzjarja 2015 ([16]),

---

([4]) ĠU C 407, 8.12.2015, p. 8.
([5]) ĠU C 60, 16.2.2016, p. 3.
([6]) ĠU C 122, 19.4.2017, p. 4.
([7]) ĠU C 106, 21.3.2018, p. 4.
([8]) ĠU C 278, 8.8.2018, p. 3.
([9]) ĠU C 390, 18.11.2019, p. 76.
([10]) ĠU C 390, 18.11.2019, p. 33.
([11]) ĠU C 204, 13.6.2018, p. 68.
([12]) Testi adottati, P9_TA(2021)0012.
([13]) ĠU C 307, 30.8.2018, p. 117.
([14]) ĠU C 215, 19.6.2018, p. 44.
([15]) ĠU C 224, 27.6.2018, p. 88.
([16]) ĠU C 101, 16.3.2018, p. 179.

Il-Ħamis 7 ta' Ottubru 2021

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2018 dwar it-Turkija ([17]), tat-12 ta' Diċembru 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar it-tieni abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 ([18]), tal-4 ta' Lulju 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2018 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III – il-Kummissjoni: Estensjoni tal-Faċilità tar-refuġjati fit-Turkija ([19]),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2020 ([20]) u d-deċiżjoni ta' akkumpanjament dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2020: kontinwazzjoni tal-appoġġ umanitarju lir-refuġjati fit-Turkija ([21]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar ir-Rapporti tal-Kummissjoni 2019-2020 dwar it-Turkija ([22]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fl-2019 u fl-2020 biex jiġi estiż it-EUTF Madad sal-14 ta' Diċembru 2021 f'konformità mal-Artikolu 234 tar-Regolament Finanzjarju,

— wara li kkunsidra l-impenji biex tiġi indirizzata l-kriżi Sirjana u jiġu appoġġjati l-persuni tagħha, li ttieħdu mill-UE u mill-Istati Membri tagħha fil-konferenzi ta' Londra u Brussell li saru bejn l-2016 u l-2021,

— wara li kkunsidra l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni għall-2018 u r-rapportar regolari tar-riżultati dwar l-EUTF Madad,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja ([23]), il-proposta tal-14 ta' Ġunju 2018 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI-Global Europe) 2021-2027 (COM(2018)0460), u l-proposta tal-14 ta' Ġunju 2018 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA III) 2021–2027 (COM(2018)0465),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3, tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġits skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0255/2021),

A. billi mill-2014 ġew stabbiliti erba' EUTFs biex jirrispondu għall-ħtieġa ta' strumenti flessibbli u rapidi biex jipprovdu rispons ta' għajnuna koerenti u msaħħaħ għall-kriżijiet: l-EUTF Bêkou, stabbilit fil-15 ta' Lulju 2014, bl-objettiv li jappoġġja l-aspetti kollha b'rabta mal-ħruġ tar-Repubblika Ċentru-Afrikana mill-kriżi u l-isforzi ta' rikostruzzjoni tagħha; l-EUTF Madad, Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana biex jippermetti l-akkomunament u t-tfassil tar-riżorsi u r-rispons fil-livell reġjonali, stabbilit fil-15 ta' Diċembru 2014; l-EUTF Afrika, Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-istabbiltà u li jindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament tal-persuni fl-Afrika, stabbilit fit-12 ta' Novembru 2015; u l-EUTF Kolombja, stabbilit fit-12 ta' Diċembru 2016 biex jappoġġja l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' paċi fl-irkupru bikri u fl-istabbilizzazzjoni ta' wara l-kunflitt;

([17]) ĠU C 23, 21.1.2021, p. 58.
([18]) ĠU C 388, 13.11.2020, p. 326.
([19]) ĠU C 118, 8.4.2020, p. 264.
([20]) Adozzjoni definittiva (UE, Euratom) 2020/1157 tal-Baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 (ĠU L 299, 11.09.2020, p. 1).
([21]) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1268 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2020 biex jingħata appoġġ umanitarju kontinwu lir-refuġjati fit-Turkija (ĠU L 298, 11.9.2020, p. 21).
([22]) Testi adottati, P9_TA(2021)0243.
([23]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

B. billi r-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju li saret fl-2018 introdukiet dispożizzjonijiet li jsaħħu, sa ċertu punt, is-setgħat ta' skrutinju tal-Parlament meta jiġu stabbiliti EUTFs ġodda jew jiġu estiżi dawk attwali; billi tali dispożizzjonijiet għadhom limitati wisq biex jiżguraw skrutinju demokratiku sħiħ mill-Parlament kif ukoll skrutinju Parlamentari sħiħ mill-awtorità baġitarja, kif minqux fit-Trattati;

C. billi fl-2020 il-Parlament ħareġ opinjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom pożittivi dwar it-talbiet għall-estensjoni tal-EUTFs sal-aħħar tal-2021, filwaqt li esprima tħassib dwar in-nuqqas ta' trasparenza dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti, b'attenzjoni speċifika għal dawk relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, u bil-kundizzjoni, fil-każ tal-EUTF Afrika, li jiġu pprovduti garanziji obbligatorji dwar ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-proġetti ffinanzjati kollha;

D. billi l-istabbiliment kemm tal-EUTFs kif ukoll tal-Faċilità għar-rifuġjati fit-Turkija (FRT) kien iġġustifikat mill-ħtieġa ta' reazzjoni flessibbli, ad hoc u rapida li mhijiex possibbli fl-ambitu tal-qafas istituzzjonali klassiku u tar-riżorsi u l-flessibbiltà limitati disponibbli fil-baġit tal-UE; billi l-qafas finanzjarju estern il-ġdid tal-UE (Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Global Europe) għandu jegħleb ir-restrizzjonijiet li jwasslu għall-ħtieġa li jitnedew fondi fiduċjarji għal rispons b'mod aktar flessibbli u rapidu għal kriżijiet speċifiċi; billi l-istrumenti ekstrabaġitarji bħall-EUTFs, kif ukoll għodod straordinarji bħall-FRT, jipperikolaw il-prinċipji tar-responsabbiltà demokratika, tat-trasparenza u tal-ġestjoni finanzjarja tajba filwaqt li jimminaw ir-rwol tal-Parlament Ewropew u anke tal-integrità u l-unità tal-baġit tal-UE; billi l-Parlament ma ġiex ikkonsultat dwar l-istabbiliment tal-istrumenti ekstrabaġitarji; billi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) ikkontribwixxa għall-Afrika u l-EUTFs Bêkou, u għalhekk il-Parlament bl-ebda mod ma kien involut fit-twaqqif ta' dawn iż-żewġ EUTFs; billi l-involviment possibbli tal-Parlament kien limitat għal oġġezzjoni għall-abbozz ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni dwar ftehimiet kostituttivi dwar l-EUTFs Madad u Kolombja;

E. billi meta tistabbilixxi EUTF, il-Kummissjoni trid tiġġustifika l-valur miżjud, il-viżibbiltà, il-komplementarjetà ma' strument ta' finanzjament ieħor tal-UE u l-allinjament mal-objettivi ta' politika, u billi huwa essenzjali li jiġu ggarantiti monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi tal-użu tal-fondi biex jiġi żgurat li l-effetti tagħhom ikunu dejjem konformi mad-dritt, mal-valuri u mal-objettivi fundamentali tal-Unjoni;

F. billi, skont ir-Regolament Finanzjarju, l-EUTFs għandhom ikunu soġġetti għal awditjar estern u indipendenti annwali u l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissospendi l-ftehim ta' finanzjament jekk il-pajjiż sieħeb jikser obbligu relatat mar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi jew l-istat tad-dritt u f'każijiet serji ta' korruzzjoni; billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-rapporti speċjali tagħha dwar l-EUTFs, irrakkomandat lill-Kummissjoni ttejjeb il-koordinazzjoni tad-donaturi (Bêkou), tneħħi d-dgħufijiet fl-implimentazzjoni, iżżid l-effiċjenza u l-azzjonijiet iffukati (Afrika) u tipprovdi valur aħjar għall-flus (FRT);

G. billi skont l-istimi tal-Kummissjoni, hemm ħtiġijiet umanitarji sostanzjali relatati mar-rifuġjati lil hinn mill-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija;

H. billi l-Parlament, filwaqt li jirrikonoxxi l-valur miżjud tagħhom, esprima ripetutament il-ħtieġa ta' skrutinju parlamentari msaħħaħ tal-EUTFs u tal-FRT, ta' involviment aktar b'saħħtu fit-tħejjija u n-negozjar ta' EUTFs futuri u tal-estensjoni tal-EUTFs eżistenti u ta' strumenti finanzjarji oħra fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE; billi l-Parlament talab lill-Kummissjoni ttejjeb il-komunikazzjoni tagħha dwar l-EUTFs u nnota li informazzjoni regolari u bbażata fuq iċ-ċifri dwar l-implimentazzjoni tal-EUTFs hija essenzjali biex il-Parlament ikun jista' jeżerċita r-rwol tiegħu ta' sorveljanza u skrutinju demokratiku;

I. billi l-akbar sehem ta' kontribuzzjonijiet għall-EUTFs issa ġej mill-baġit tal-UE nnifsu, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jirrappreżentaw sehem limitat ħafna mill-baġits totali tagħhom; billi, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-FRT mhumiex volontarji, iżda bbażati fuq il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni tal-ING u huma direttament inklużi fil-baġit tal-Unjoni bħala dħul assenjat estern skont l-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju; billi fil-każ tal-EUTFs, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri mhumiex integrati fil-baġit tal-Unjoni skont l-Artikolu 187(6) tar-Regolament Finanzjarju;

Il-Ħamis 7 ta' Ottubru 2021

J. billi d-dikjarazzjoni UE-Turkija ta' Marzu 2016 u l-Fteħim ta' Riammissjoni UE-Turkija jagħtu attenzjoni speċjali lill-prevenzjoni ta' rotot ġodda fuq il-baħar jew l-art għall-migrazzjoni illegali, iż-żarmar ta' networks ta' kuntrabandu, il-kontroll tal-fruntieri tat-Turkija u l-aċċettazzjoni tar-ritorni, b'mod mhux diskriminatorju;

K. billi l-objettiv primarju tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni huwa t-tnaqqis u, fuq terminu twil, il-qerda tal-faqar kif minqux fl-Artikolu 208 tat-TFUE; billi l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp il-ġdid jibqa' l-qafas dottrinali għall-politika tal-UE dwar l-iżvilupp, u l-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja jafferma mill-ġdid il-prinċipji fundamentali tal-għajnuna umanitarja; billi l-UE u s-sħab tagħha fil-qasam umanitarju jeħtiġilhom ikunu kapaċi jiżguraw assistenza u protezzjoni bbażati fuq il-ħtiġijiet u fuq ir-rispett għall-prinċipji tan-newtralità, l-imparzjalità, l-umanità u l-indipendenza ta' azzjoni umanitarja; billi l-fondi minn sorsi ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) iridu jkunu ddedikati għall-iżvilupp ekonomiku, uman u soċjali, b'mod partikolari biex jiġi żgurat l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, il-bini tar-reżiljenza lokali, inkluż dak relatat mat-tibdil fil-klima, u operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi għat-twettiq ta' assistenza għall-iżvilupp u/jew umanitarja, b'enfasi partikolari fuq l-isfidi tal-iżvilupp identifikati fid-deċiżjoni tal-Fond Fiduċjarju;

L. billi l-ftehim kostituttiv dwar il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika jpoġġi b'mod ċar il-proġetti tal-ġestjoni tal-fruntieri fil-Libja fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-EUTF kif ukoll tar-regolamentazzjoni tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI); billi minn Lulju 2017, kważi EUR 90 miljun ġew allokati permezz tal-EUTF Afrika biex iħarrġu, jgħammru u jappoġġjaw il-kapaċità tal-gwardja tal-kosta Libjana u ġew allokati EUR 49 miljun biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet li fihom jiġu detenuti l-persuni rimpatrijati; billi l-ftehim kostituttiv tal-EUTF jiddikjara b'mod ċar li l-Fond Fiduċjarju se jiffinanzja attivitajiet li jikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha f'konformità mal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità, inkluż it-trażżin u l-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin; billi, madankollu, kien hemm allegazzjonijiet ta' każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-attivitajiet tal-gwardja tal-kosta tal-Libja;

M. billi fl-2020, il-Parlament ikkunsidra li sabiex jipproċedi bl-estensjoni tal-EUF għall-Afrika, għandhom jiġu pprovduti garanziji obbligatorji dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-proġetti kollha li rċevew finanzjament, b'attenzjoni partikolari għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-iżgurar ukoll li dawn il-garanziji jiġu stabbiliti f'każ ta' ħtieġa ta' fond fiduċjarju ġdid debitament ġustifikat fil-futur;

N. billi l-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana (il-Fond Madad) immobilizza EUR 2,3 biljun, inklużi kontribuzzjonijiet volontarji minn 21 Stat Membru tal-UE, it-Turkija u r-Renju Unit; billi l-programmi tiegħu jiffukaw fuq l-edukazzjoni, l-għajxien, is-saħħa, il-protezzjoni u l-ilma, li minnhom jibbenefikaw ir-rifuġjati, il-persuni spostati internament u l-komunitajiet lokali u jappoġġjaw aktar minn 7 miljun benefiċjarju; billi hekk kif il-gwerra ċivili Sirjana ttawlet, ir-rispons tal-Fond Fiduċjarju Madad evolva aktar lejn rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, b'enfasi akbar fuq it-tisħiħ tas-sistemi li jappoġġjaw l-isforzi u l-kapaċitajiet tal-pajjiżi ospitanti biex jirrispondu għal din il-kriżi mtawla, notevolment permezz tal-provvista tas-servizzi pubbliċi fl-Iraq, il-Ġordan u l-Libanu;

O. billi skont l-evalwazzjoni tiegħu, il-Fond Fiduċjarju Madad huwa komparattivament aktar veloċi għat-tnedija ta' proġetti mill-proċeduri standard fl-ambitu tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni; billi l-Fond Fiduċjarju Madad irnexxielu jikseb ukoll ekonomija ta' skala, bi proġetti fuq skala kbira ta' volum medju ta' EUR 20 miljun u b'perjodu ta' implimentazzjoni medju ta' madwar 30 xahar;

P. billi l-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija (FRT) hija differenti mill-EUTFs, prinċipalment minħabba li għadha inkorporata fil-baġit tal-Unjoni;

Q. billi skont il-Kummissjoni, l-FRT hija mfassla biex tikkoordina l-istrumenti ta' finanzjament eżistenti tal-UE sabiex dawn jiġu mobilizzati b'mod konsistenti u konġunt biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tar-rifuġjati;

Il-Ħamis 7 ta' Ottubru 2021

I. ***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

Aspetti baġitarji

1. Jinnota li, sal-31 ta' Diċembru 2020, il-wegħdiet totali għall-EUTFs kollha ammontaw għal EUR 7 691 miljun, bil-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE tammonta għal EUR 3 170 miljun, li minnhom EUR 3 534 miljun oriġinaw mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), u b'EUR 988 miljun li oriġinaw mill-Istati Membri u mill-wegħdiet ta' donaturi oħrajn; jinnota wkoll li, sal-istess data, ġew ikkuntrattati EUR 7 141 miljun u tħallsu EUR 4 869 miljun mill-EUTFs; jinnota wkoll li, sal-31 ta' Diċembru 2020, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-EUTFs kollha kienet ta' 98 % (l-EUTF Madad kien impenja aktar minn 95 %, l-EUTF Bêkou 99 %, l-EUTF Afrika 99 % u l-EUTF Kolombja 94 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli), filwaqt li r-rata ġenerali ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 63 % (ir-rata tal-EUTF Afrika kienet ta' 62 %, tal-EUTF Bêkou kienet ta' 66 %, tal-EUTF Kolombja kienet ta' 52 % u tal-EUTF Madad kienet ta' 64 %);

2. Ifakkar li l-Faċilità għat-Turkija hija magħmula minn żewġ segmenti ta' EUR 3 biljun kull wieħed; jesprimi dispjaċir għall-fatt li, għall-kuntrarju tal-ewwel segment 2016-2017, fejn il-baġit tal-UE kkontribwixxa EUR 1 biljun u l-Istati Membri EUR 2 biljun, fit-tieni segment 2018-2019, il-proporzjon tal-kontribuzzjonijiet treġġa' lura, għad-detriment tal-proġetti eżistenti tal-Unjoni;

3. Ifakkar li filwaqt li għall-ewwel segment tal-FRT, il-kontribuzzjonijiet tal-IPA II kienu jirrappreżentaw 52,4 %, l-għajnuna umanitarja 46,6 %, l-Istrument li jikkontribwixxi għas-Sigurtà u l-Paċi 0,7 % u l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp 0,3 %, għat-tieni segment, il-kontribuzzjoni tal-IPA II kienet tirrappreżenta 64,5 % u l-għajnuna umanitarja 35,5 %;

4. Jinnota li sa tmiem l-2020, 36,6 % tal-allokazzjoni tal-ewwel segment tal-FRT ġiet implimentata permezz ta' ġestjoni diretta u 63,4 % permezz ta' ġestjoni indiretta (li minnhom aktar minn erbgħa minn kull ħamsa ġew implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali); jinnota wkoll li għat-tieni segment, il-ġestjoni diretta kienet tirrappreżenta 32,1 % (100 % mill-Kummissjoni Ewropea) u l-ġestjoni indiretta kienet tirrappreżenta 67,9 % (tliet kwarti minn organizzazzjonijiet internazzjonali);

5. Jinnota wkoll li l-organizzazzjonijiet internazzjonali kienu l-akbar atturi responsabbli mill-implimentazzjoni tal-EUTFs (36,8 %), qabel il-Kummissjoni Ewropea (35,7 %), l-aġenziji tal-Istati Membri (24,2 %) u l-korpi tas-servizz pubbliku (3,4 %);

L-involviment tal-Parlament fl-oqfsa tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-monitoraġġ tar-riżultati u fir-rapportar u/jew l-evalwazzjoni

6. Jinnota li l-Presidenti tal-Kumitati u l-Membri rilevanti ngħataw status ta' osservatur fil-laqgħat tal-Bordijiet Strateġiċi tal-Fondi Fiduċjarji u fil-Kumitat ta' Tmexxija tal-FRT; jesprimi dispjaċir li dan l-istatus ma ġiex rifless formalment fil-Ftehimiet Kostituttivi tal-Fondi Fiduċjarji; iħeġġeġ bil-qawwa li l-istediniet għall-bord tal-laqgħat iqisu l-kalendarju uffiċjali tal-Parlament u li l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha li għandhom jiġu diskussi fil-laqgħat tal-bord jiġu pprovduti ferm qabel il-laqgħat sabiex il-Membri u l-persunal tas-Segretarjat ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv;

7. Jesprimi dispjaċir għar-rwol limitat tal-Parlament fit-teħid ta' deċiżjonijiet, fis-superviżjoni u fl-iskrutinju tal-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-EUTFs u jerġa' jtenni li s-soluzzjonijiet legali, regolatorji u baġitarji eżistenti kellhom jintużaw bis-sħiħ qabel ma jinħolqu u/jew jiġu estiżi l-EUTFs, li għandhom jibqgħu l-istrument tal-aħħar għażla; ifakkar fit-talbiet preċedenti tiegħu mingħajr tweġiba u jtenni li l-Parlament għandu jkun rappreżentat fil-laqgħat tal-Kumitati Operazzjoni u jkun jista' jimmonitorja l-attivitajiet tagħhom, u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi fi żmien xieraq informazzjoni dettaljata dwar id-deċiżjonijiet meħuda f'dawk il-Kumitati; jemmen li l-Parlament jeħtieġlu jagħmel użu sħiħ mis-setgħat tiegħu ta' skrutinju tal-implimentazzjoni u l-kontroll baġitarju u jiżgura li d-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-UE u l-allokazzjonijiet relatati jikkonformaw mal-prinċipji ta' legalità u ġestjoni finanzjarja tajba tal-Unjoni, u b'hekk jipprovdi l-azzjoni tal-UE b'leġittimità demokratika u obbligu ta' rendikont;

8. Jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex timmonitorja u tevalwa mill-qrib l-interventi, u tiġġenera għarfien dwar l-attivitajiet tal-EUTFs u tal-FRT, permezz ta' sett iddedikat ta' rapporti; jilqa' dawn l-isforzi biex tinkiseb trasparenza akbar li għandha tissaħħaħ billi tiġi ppubblikata d-data rilevanti, inklużi dettalji speċifiċi tal-proġetti ffinanzjati u r-riżultati miksuba fil-konfront tal-objettivi ddikjarati, fuq il-paġni web tal-EUTFs u l-FRT; jisħaq li d-disponibbiltà, il-livell ta' dettalji, il-kompletezza u l-konsistenza fattwali ta' tali rapporti huma essenzjali għall-appoġġ tal-Parlament bħala awtorità baġitarja sabiex tiġi vvalutata b'mod adegwat l-implimentazzjoni;

Il-Ħamis 7 ta' Ottubru 2021

9. Jinnota li l-informazzjoni dwar l-involviment tal-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili (OSĊ) saret disponibbli fir-Rapport Annwali tal-2019 u l-2020 tal-EUTF għall-Afrika; jesprimi dispjaċir li din l-informazzjoni mhijiex disponibbli b'mod miftuħ minħabba t-trasparenza limitata tas-sottokuntrattar; jinnota li, fejn possibbli, tali informazzjoni għandha tinqasam fil-livell tal-proġett filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti debitament ġustifikati ta' kunfidenzjalità u sigurtà;

10. Jesprimi dispjaċir għan-notifika tardiva mill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħha li testendi d-durata tal-EUTFs u l-evalwazzjonijiet tardivi ta' xi wħud mill-Fondi Fiduċjarji, li ma ppermettewx lill-Parlament jasal għal konklużjonijiet sħaħ u preċiżi fil-ħin fil-każ tal-Fond Fiduċjarju għall-Afrika, u b'hekk illimitaw is-sorveljanza demokratika u l-obbligu ta' rendikont;

11. Itenni l-insistenza tiegħu li l-estensjonijiet tal-EUTFs sa Diċembru 2021 li qabel dwarhom iridu jkunu prinċipalment tekniċi li jippermettu tranżizzjoni bla xkiel fil-QFP il-ġdid u kkuntrattar u użu effiċjenti tal-fondi diġà impenjati; jenfasizza l-assigurazzjonijiet tal-Kummissjoni li l-estensjonijiet fittxew li jiżguraw bażi ġuridika kontinwa għall-pagamenti tal-impenji li saru fl-ambitu tal-QFP 2014-2020 preċedenti, u li l-ebda impenn ġdid għall-EUTFs mhu se jsir fl-ambitu tal-NDICI jew l-IPA III;

12. Jissottolinja li fir-rapporti tagħha l-Kummissjoni għandha turi l-komplementarjetà ta' strumenti finanzjarji differenti dedikati għall-oqsma koperti mill-EUTFs u l-FRT, inkluż il-Pjan ta' Investiment Estern tal-UE, kif ukoll il-valur miżjud iġġenerat;

II. ***Valutazzjoni għal kull Fond Fiduċjarju tal-UE / FRT***

Bêkou

13. Jikkunsidra li l-Fond Fiduċjarju ta' Bêkou ikkontribwixxa parzjalment bħala waħda mill-għodod biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), kif ukoll għall-approċċ nexus tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp u umanitarji fir-Repubblika Ċentru-Afrikana;

14. Jirreferi wkoll għall-konklużjonijiet tad-delegazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew għar-Repubblika Ċentru-Afrikana fi Frar 2018, li jinnutaw li l-Fond Fiduċjarju Bêkou huwa viżibbli u jidher li huwa perċepit sew fil-pajjiż, bi proġetti li jindirizzaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet li jgħaddu mir-riabilitazzjoni, għall-provvista tal-mezzi tal-għajxien u għall-iżvilupp fuq medda itwal taż-żmien, tal-inqas fuq livell lokali u fuq skala iżgħar;

15. Jenfasizza l-konklużjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ippubblikati fir-rapport speċjali tagħha tal-2017, li b'mod ġenerali l-Fond Fiduċjarju Bêkou kellu kisbiet pożittivi u attira l-għajnuna, iżda ftit donaturi oħra, u li l-biċċa l-kbira tal-proġetti tiegħu ssodisfaw l-eżiti mistennija tagħhom u pprovdew viżibbiltà mtejba lill-UE; jindika, madankollu, li r-rapport irrakkomanda definizzjoni aħjar tal-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent, koordinazzjoni mtejba tad-donaturi, proċeduri tal-għażla tal-proġetti, monitoraġġ u kejl tal-prestazzjoni, kif ukoll ottimizzazzjoni tal-kostijiet u trasparenza akbar fl-għażla tal-organizzazzjonijiet implimentattivi; jinnota li fil-Kumitat Operazzjonali l-Istati Membri huma rrappreżentati mill-aġenziji nazzjonali tal-iżvilupp tagħhom stess, li jintgħażlu wkoll bħala implimentaturi tal-proġetti, u jinsab imħasseb li dan jista' jwassal għal kunflitt ta' interess potenzjali fil-proċedura tal-għażla tal-proġetti tal-Kumitat Operazzjonali;

16. Jinnota li minħabba l-kriżi umanitarja, il-faqar u l-isfidi l-ġodda tas-sigurtà li għaddejjin fl-RCA, aktar appoġġ mill-UE se jirrikjedi programmi mmirati sew u, fejn rilevanti, finanzjament flessibbli tal-UE fl-ambitu tal-NDICI-Global Europe biex jissaħħu r-rispons umanitarju, il-paċi u s-sigurtà, id-demokratizzazzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-RCA;

17. Iqis li minkejja l-intervent tal-UE u ta' donaturi oħra, is-sitwazzjoni fil-pajjiż għadha instabbli minħabba l-emerġenza ta' kunflitti ġodda u insigurtà serja tal-ikel;

Madad

18. Iqis li l-EUTF Madad wera l-valur miżjud tiegħu b'reazzjoni għall-kriżi u għall-UE f'termini ta' viżibbiltà u influwenza esterni ogħla, kontroll, koordinazzjoni u ingranaġġ akbar ta' fondi minn diversi sorsi, meta mqabbla mal-livell nazzjonali jew ma' mezzi internazzjonali oħra; jinnota li l-infiq tiegħu kien allinjat mal-bażijiet ġuridiċi jew mal-istrumenti tal-Unjoni użati u mal-objettivi tagħhom; ifakkar, għalhekk, li l-proġetti ffinanzjati fl-ambitu tal-Fond Fiduċjarju Madad iridu jippromwovu u jipproteġu d-dinjità, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali u ekonomika, b'mod partikolari tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-kunflitt fis-Sirja għadu għaddej, u jisħaq li l-ħtiġijiet tar-rifuġjati Sirjani, li ma jistgħux jirritornaw lejn pajjiżhom fil-futur prevedibbli, u l-ħtiġijiet tal-komunitajiet ospitanti tagħhom f'termini ta' integrazzjoni u impjiegi aktar fit-tul, għadhom jirrikjedu assistenza fit-tul tal-UE u internazzjonali biex tiġi żgurata l-kapaċità għal integrazzjoni u impjiegi aktar fit-tul b'mod koeżiv mal-komunitajiet ospitanti; jirrimarka li ż-żoni suxxettibbli għall-kunflitti fis-Sirja ma jippermettux li ssir rikostruzzjoni fit-tul fil-preżent;

19. Jinnota li r-rapport ta' Evalwazzjoni Strateġika ta' Nofs it-Terminu ta' Ottubru 2018 ikkonkluda li l-Fond Fiduċjarju Madad kien "kbir u kosteffettiv, u laħaq għadd kbir ta' benefiċjarji bi spiża relattivament baxxa" u li "ppermetta lill-UE topera b'mod flessibbli";

20. Jilqa' r-reazzjoni rapida u flessibbli tal-Fond Fiduċjarju b'appoġġ għall-pajjiżi u l-komunitajiet sħab matul it-tifqigħa tal-coronavirus, li turi impenn attiv fl-allinjament mill-ġdid u fl-iffukar mill-ġdid tal-attivitajiet, mhux biss fil-qasam tas-saħħa, iżda wkoll f'oqsma oħra, bħall-għajxien, il-protezzjoni, l-edukazzjoni jew il-koeżjoni soċjali fil-Libanu, fl-Iraq, fit-Turkija u fil-Ġordan;

21. Jenfasizza l-importanza ta' appoġġ kontinwu għar-rifuġjati, għall-persuni spostati internament u għall-komunitajiet ospitanti vulnerabbli, inkluż fir-reġjun usa', affettwati mill-kunflitt kontinwu, permezz ta' taħlita ta' finanzjament fuq żmien itwal, prevedibbli, kompletament trasparenti u li jista' jiġi implimentat malajr taħt strumenti stabbiliti għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 u kontribuzzjonijiet potenzjali mill-Istati Membri bħala dħul assenjat estern, filwaqt li jitqiesu l-istrumenti finanzjarji kollha pprovduti fl-ambitu tar-Regolament Finanzjarju;

22. Ifakkar fil-vulnerabbiltà tal-komunitajiet tar-rifuġjati Palestinjani fis-Sirja u fir-reġjun, u jappella għal appoġġ kontinwu u l-inklużjoni tagħhom fil-pjanijiet umanitarji u r-reazzjonijiet tal-UE rigward il-kriżi tas-Sirja;

L-Afrika

23. Jinnota li l-Fond Fiduċjarju għall-Afrika nħoloq bħala fond fiduċjarju ta' emerġenza biex jgħin fl-indirizzar tal-kriżijiet fi tliet reġjuni fl-Afrika, bil-għan li jinkisbu l-għanijiet ta' stabbiltà u żvilupp fit-tul; iqis li l-EUTF għall-Afrika jirrappreżenta għodda rapida u flessibbli biex tgħin fl-indirizzar ta' sfidi komuni u globali, bħall-migrazzjoni u l-ispostament furzat, l-impatt tat-tibdil fil-klima u kriżijiet ekonomiċi; jenfasizza li s-sitwazzjoni bla preċedent ikkawżata fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa kienet tirrikjedi l-flessibbiltà u r-rapidità kollha meħtieġa; jisħaq, madankollu, li l-flessibbiltà dejjem trid tiġi kkombinata ma' trasparenza u obbligu ta' rendikont sħaħ; jemmen li jista' jkun hemm lok għal titjib, b'azzjoni mmexxija aktar iffokata fit-tliet twieqi u appoġġ għall-kejl u r-rapportar tar-riżultati;

24. Jieħu nota li 78 proġett ikkontribwew għal opportunitajiet ekonomiċi u ta' impjieg akbar, twettqu 97 proġett biex tissaħħaħ ir-reżiljenza, 75 proġett ġew iddedikati għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, u 75 proġett ikkontribwew għat-titjib tal-governanza u l-prevenzjoni tal-kunflitti; jinnota bi tħassib li, minħabba ċirkostanzi speċifiċi, il-ġestjoni tal-migrazzjoni saret l-enfasi tar-rispons tal-UE f'xi proġetti; itenni, madankollu, li l-objettivi oriġinali tat-titjib tar-reżiljenza u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni għandhom jinżammu;

25. Jilqa' l-fatt li l-EUTF għall-Afrika, f'xi każijiet, ikkontribwixxa għall-approċċ nexus triplu bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi, li ma kienx possibbli bl-istrumenti finanzjarji tal-UE fl-ambitu tal-QFP preċedenti; ifakkar li l-finanzjament tal-EUTF irid jiġi implimentat u evalwat abbażi ta' kriterji tal-ODA, u li l-ispejjeż kollha li ma jaqgħux taħt dan ir-rekwiżit għandhom jiġu ffinanzjati minn sorsi differenti li huma miġbura fil-Fond Fiduċjarju, u jikkundanna kwalunkwe użu tal-fondi ODA li jmur kontra l-objettivi ta' żvilupp; ifakkar li bħala prinċipju fundamentali, l-assistenza umanitarja trid tkun indipendenti;

26. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li 37 % tal-EUTF għall-Afrika huwa allokat għal miżuri maħsuba biex jirrestringu u jnaqqsu l-migrazzjoni, filwaqt li inqas minn 9 % huwa allokat għall-indirizzar tal-kawżi tal-migrazzjoni u l-ispostar furzat; jinnota li inqas minn 1,5 % tal-EUTF għall-Afrika ġie allokat għal kanali ta' migrazzjoni regolari; jirrikonoxxi li s-sigurtà hija essenzjali għall-istabbiltà tal-pajjiżi sħab Afrikani u li l-UE jeħtiġilha tappoġġja lill-pajjiżi sħab fl-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-flussi migratorji irregolari, il-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin;

27. Jinnota r-rapporti dwar il-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem li qed iseħħ fil-Libja fil-kuntest ta' azzjonijiet mill-gwardja tal-kosta Libjana; jisħaq li ħafna mill-persuni salvati jew interċettati mill-gwardja tal-kosta jittieħdu lura għal detenzjoni arbitrarja f'kundizzjonijiet orribbli fil-Libja; jissottolinja li r-ritorn tar-rifuġjati lejn pajjiżi fejn mhumiex sikuri jikser il-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati; jinnota li fil-kuntest tal-Mekkaniżmu ta' Tranżitu ta' Emerġenza hemm tħassib dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-implimentazzjoni tal-proġetti; jinnota n-nuqqas ta' rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement fil-Libja; ifakkar, madankollu, li kwalunkwe ftehim ta' sħubija għandu jiżgura l-protezzjoni sħiħa tal-ħajjiet umani, tad-dinjità u tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jwettqu valutazzjoni tar-riskju speċifika, f'konsultazzjoni mal-OSĊ, tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fis-sorveljanza u l-ġestjoni marittimi u tal-fruntieri, iffinanzjati fl-ambitu tal-EUTF għall-Afrika, biex tiġi żgurata valutazzjoni oġġettiva tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

Il-Ħamis 7 ta' Ottubru 2021

28. Jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni u tad-djalogu mas-sħab lokali; ifaħħar il-konsultazzjonijiet u l-istudji mwettqa biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' prijorità; jistieden bil-qawwa lill-Kummissjoni tinvolvi b'mod xieraq lill-awtoritajiet lokali u lill-OSĊ fi proġetti appoġġjati mill-EUTF għall-Afrika;

29. Jinnota li wieħed mill-objettivi ewlenin tal-EUTF għall-Afrika, kif determinat fil-Ftehim Kostituttiv tiegħu, huwa li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, b'mod partikolari billi jippromwovi r-reżiljenza, l-opportunitajiet ekonomiċi u ugwali, is-sigurtà u l-iżvilupp u jindirizza l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem; jappella biex issir enfasi akbar fuq l-għanijiet ta' żvilupp fit-tul bħall-impjiegi, l-edukazzjoni, is-sigurtà tal-ikel u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjoni lokali;

30. Jinnota li r-Rapport Speċjali Nru 32/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri indika diversi nuqqasijiet, inkluż in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u l-ġestjoni mhux trasparenti, irrakkomanda proċedura mtejba tal-għażla tal-proġetti, pass aktar mgħaġġel fl-implimentazzjoni u proċess aktar sistematiku ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni, li jkopri l-firxa sħiħa ta' proġetti, u nnota li minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-fond, ħafna drabi kien nieqes mill-effiċjenza minħabba nuqqas ta' kwantifikazzjoni adegwata tal-ħtiġijiet u l-mezzi li permezz tagħhom seta' jinkiseb impatt imkejjel; jitlob li jkun hemm simplifikazzjoni u komunikazzjoni aħjar rigward l-applikazzjonijiet għall-proċeduri ta' akkwist sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tal-UE għal NGOs iżgħar u lokali;

31. Jinnota li l-EUTF għall-Afrika ta kontribut għat-tisħiħ tar-reżiljenza u għall-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp f'kuntesti fraġli; jinnota wkoll li dan ħeġġeġ ukoll il-kooperazzjoni bejn partijiet ikkonċernati differenti, u ppermetta kontribuzzjonijiet minn donaturi mhux tal-UE, li fil-kuntest ta' wara l-Brexit kisbu importanza partikolari, u żied il-viżibbiltà tal-kwistjoni tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat u r-rispons tal-UE għaliha; jesprimi dispjaċir, fl-istess ħin, għall-fatt li l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan il-fond ma kienx adegwat u jitlob li l-objettivi SMART (speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, realistiċi u f'waqthom) jiġu inklużi fil-logframes tal-proġetti, u li jiġu stabbiliti miri kwantifikabbli għall-evalwazzjoni tal-proġetti;

32. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jiġu diżimpenjati fondi li joriġinaw mill-EUTF għall-Afrika u inizjalment allokati lill-Eritrea, b'mod partikolari għall-kuntratt għar-rinnovazzjoni tat-toroq li fih intuża x-xogħol furzat;

Il-Kolombja

33. Iqis li l-Fond Fiduċjarju għall-Kolombja wera l-valur tiegħu u jirrappreżenta, fiċ-ċirkostanzi attwali, għodda importanti biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' paċi bejn il-Gvern Kolombjan u l-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja (FARC); jirrimarka li l-estensjoni tal-EUTF Kolombja affermat aktar l-impenn tal-UE u pprovdiet appoġġ tant meħtieġ għall-proċess tal-paċi tal-Kolombja; ifakkar li l-EUTF għall-Kolombja huwa stabbilit fl-ambitu tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, u jrid ikun allinjat mal-objettiv primarju tal-politika ta' żvilupp tal-Unjoni Ewropea: l-"objettiv prinċipali tal-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni għandu jkun it-tnaqqis u, eventwalment, il-qerda tal-faqar" u "l-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw";

34. Jissottolinja r-rwol importanti tiegħu fl-appoġġ lill-Kolombja fil-qasam tal-iżvilupp rurali komprensiv u t-tkabbir ekonomiku; jappella biex l-implimentazzjoni tal-proċess ta' paċi Kolombjan tkompli tagħti prijorità lil programmi ta' finanzjament u monitoraġġ trasparenti għal żmien twil u medju, u li dawn il-programmi jibbenefikaw mill-iskrutinju demokratiku xieraq u l-involviment tal-Parlament Ewropew u konsultazzjonijiet xierqa, trasparenti u inklużivi mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari tas-soċjetà ċivili lokali;

35. Jifraħ lill-Kolombja għall-isforzi tagħha, minkejja l-isfidi tagħha stess fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehim ta' paċi, biex tipprovdi appoġġ għal aktar minn 1,7 miljun migrant mill-Venezwela li ħarbu lejn il-Kolombja, b'mod partikolari billi tagħtihom status ta' protezzjoni temporanja ta' 10 snin;

36. Jilqa' l-involviment tar-Repubblika taċ-Ċilì bħala donatur fil-Fond Fiduċjarju; jinnota li l-parteċipazzjoni tas-sħab reġjonali hija ta' valur miżjud għoli, u żiedet kemm ir-rikonoxximent lokali kif ukoll il-leġittimità tal-involviment u l-kooperazzjoni tal-UE;

Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija

37. Jirrimarka li t-Turkija tospita l-akbar popolazzjoni ta' rifuġjati fid-dinja, u għandha kważi 4 miljun rifuġjat irreġistrat mis-Sirja, l-Iraq u l-Afganistan; ifakkar fir-rwol importanti tal-FRT biex tilqa' r-rifuġjati mis-Sirja; jappella għal valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija u jissottolinja l-importanza tal-konformità

taż-żewġ partijiet mad-drittijiet fundamentali bħala parti mill-implimentazzjoni tagħha; huwa tal-fehma li l-UE għandha tkompli tagħti l-appoġġ meħtieġ lill-komunitajiet Sirjani u rifuġjati u ospitanti oħra fit-Turkija, filwaqt li tiżgura li l-Gvern Tork ma jkunx involut direttament fil-ġestjoni u l-allokazzjoni tal-fondi, li għandhom primarjament jingħataw direttament lir-rifuġjati u lill-komunitajiet ospitanti u għandhom jiġu ġestiti minn organizzazzjonijiet li jiggarantixxu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza;

38. Iqis li l-FRT tal-UE wriet il-valur tagħha bħala għodda innovattiva ta' akkomunament u mekkaniżmu importanti ta' koordinazzjoni biex tgħin lit-Turkija twieġeb malajr għall-ħtiġijiet umanitarji u ta' żvilupp immedjati tar-rifuġjati u tal-komunitajiet ospitanti tagħhom, u jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' dawn l-attivitajiet; jinnota għalhekk li l-maġġoranza tal-proġetti kellhom jiġu estiżi biex jinkiseb l-eżitu mistenni; jesprimi l-appoġġ tiegħu għas-soċjetà ċivili Torka u jfakkar fl-isforzi ta' min ifaħħarhom li għamlu l-organizzazzjonijiet internazzjonali fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti; jissottolinja l-valur miżjud iġġenerat bl-involviment ta' organizzazzjonijiet, esperti u NGOs lokali, kif ukoll dawk minn madwar l-Istati Membri, fl-implimentazzjoni tal-FRT;

39. Jilqa' s-suċċess tal-ewwel segment tal-FRT, b'mod partikolari x-Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza (ESSN) – l-akbar proġett umanitarju ġestit mill-Kummissjoni; jilqa' l-progress tat-tieni segment, li qed jiffaċilita bidla gradwali minn assistenza umanitarja għal għajnuna għall-iżvilupp;

40. Jirrikonoxxi r-rwol li għandha l-FRT fl-għoti ta' madwar 1,8 miljun rifuġjat b'appoġġ għall-ħtiġijiet bażiċi, 668 900 tifel u tifla rifuġjati b'appoġġ edukattiv, u miljuni ta' rifuġjati b'servizzi ta' kura tas-saħħa u ta' protezzjoni; jisħaq, madankollu, li r-Rapport Speċjali Nru 27/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri indika inkonsistenza fil-finanzjament tal-attivitajiet tas-saħħa u tal-edukazzjoni, b'użu parallel ta' strutturi ta' ġestjoni differenti għall-finanzjament ta' proġetti simili; barra minn hekk, ir-rapport enfasizza li seta' jinkiseb valur akbar fi proġetti ta' assistenza fi flus kontanti u stieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-programmazzjoni għall-infrastruttura muniċipali u l-appoġġ soċjoekonomiku, tippermetti l-ambjent operattiv għall-NGOs u ttejjeb ir-rappurtar dwar il-Faċilità; jinnota b'mod partikolari l-impatt tal-COVID-19 fuq ir-rifuġjati u jirrimarka li l-FRT ġiet stabbilita minkejja l-eżistenza ta' tħassib serju dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tar-rifuġjati fit-Turkija mill-perspettiva tad-dritt internazzjonali dwar l-ażil; ifakkar li fl-2020 il-Kummissjoni talbet il-mobilizzazzjoni ta' EUR 481,6 miljun addizzjonali fl-ambitu tal-Marġni ta' Kontinġenza tal-Baġit tal-UE, li jmur lil hinn mill-allokazzjoni ppjanata inizjalment għall-FRT, sabiex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet fil-qafas tal-programm ta' Xibka ta' Sikurezza Soċjali ta' Emerġenza u l-programm ta' Trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni;

41. Itenni d-dispjaċir kbir tiegħu għall-fatt li l-Parlament ma ġiex ikkonsultat formalment jew intalab jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ħolqien jew għall-estensjoni ta' din il-Faċilità u kien involut biss bħala fergħa waħda tal-awtorità baġitarja, u b'hekk ġiet imminata r-responsabbiltà demokratika tal-FRT; jinsisti li ma għandux jerġa' jħabbat wiċċu ma' din is-sitwazzjoni;

42. Jissottolinja li r-Rapport Speċjali Nru 27/2018 ([24]) tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jqajjem mistoqsijiet dwar l-effiċjenza tal-proġetti umanitarji ffinanzjati mill-Faċilità, peress li dawn ma vvalutawx b'mod konsistenti u komprensiv ir-raġonevolezza tal-ispejjeż ibbaġitjati; jinnota li r-rapport iqajjem ukoll tħassib dwar il-fatt li mhuwiex possibbli li jiġu mmonitorjati l-proġetti umanitarji kollha matul l-awditu; jisħaq, f'dan ir-rigward, li r-rifjut mill-awtoritajiet Torok li jagħtu aċċess għad-data tal-benefiċjarji għaż-żewġ proġetti ta' assistenza fi flus jista' jqajjem mistoqsijiet fir-rigward tas-soliditá tal-ġestjoni finanzjarja fl-ambitu tal-Faċilità, b'mod partikolari meta jitqies ir-rigress rapidu tat-Turkija fir-rigward tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; ifakkar fil-ħtieġa ta' skrutinju tal-fondi implimentati mill-Gvern Tork u mill-awtoritajiet lokali; itenni li l-fondi jridu jintużaw esklużivament biex jakkomodaw il-ħtiġijiet fiżiċi u psikoloġiċi kollha tar-rifuġjati, inklużi l-akkomodazzjoni, l-ikel, l-edukazzjoni u l-garanzija ta' standard ta' għajxien deċenti; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ u tikseb id-data dwar il-benefiċjarji tal-programmi u l-proġetti kollha tal-FRT; jisħaq li sabiex jinkiseb obbligu ta' rendikont sħiħ u jiġi evitat finanzjament doppju, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-riżorsi disponibbli abbażi tal-miri milħuqa mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni fuq il-post u wara li tkun twettqet il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni f'konformità mar-regoli tar-Regolament Finanzjarju; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżgura li l-objettivi u l-implimentazzjoni tal-FRT ikunu konsistenti mal-prinċipji, il-politiki u l-objettivi ġenerali tal-UE, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-degradazzjoni ta' dawn il-prinċipji fit-Turkija;

([24]) Rapport Speċjali Nru 27/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija: appoġġ utli, iżda jeħtieġ li jsir titjib biex jinkiseb aktar valur għall-flus", p. 6 u p. 40.

Il-Ħamis 7 ta' Ottubru 2021

43. Jisħaq fuq l-importanza tat-tranżizzjoni minn għajnuna umanitarja għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta strateġija ta' tranżizzjoni, iffukata fuq l-għajnuna biex jinħolqu opportunitajiet ta' għajxien għar-rifuġjati sabiex jittejbu l-awtodipendenza u l-inklużjoni soċjali tagħhom fil-komunitajiet ospitanti tagħhom; ifakkar fl-objettiv fit-tul tal-UE li tieħu f'idejha b'mod gradwali l-attivitajiet iffinanzjati mill-UE mill-awtoritajiet Torok b'rispett sħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-Konferenza Multilaterali li jmiss dwar il-Lvant tal-Mediterran jindirizzaw dan b'mod komprensiv, flimkien ma' kwistjonijiet umanitarji u ta' żvilupp;

44. Itenni t-talba tiegħu li t-Turkija tirrispetta l-prinċipju ta' non-refoulement, b'mod partikolari fuq il-fruntiera Sirjana, filwaqt li tiżgura li d-drittijiet tal-bniedem tar-rifuġjati u l-istatus tagħhom kif iggarantiti mill-Konvenzjoni dwar ir-Rifuġjati tal-1951 jiġu rispettati bis-sħiħ, u li ma tistrumentalizzax il-flussi migratorji u tużahom bħala sors ta' rikatt kontra l-UE għal skopijiet politiċi; jistenna li t-Turkija timplimenta bis-sħiħ u b'mod mhux diskriminatorju d-Dikjarazzjoni UE-Turkija ta' Marzu 2016 u l-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, inkluż fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' dawk li jfittxlu l-ażil u l-migranti mibgħuta lura lejn it-Turkija bħala parti mid-Dikjarazzjoni UE-Turkija, u li tirrapporta lura lill-Parlament dwar dan; jistieden lill-awtoritajiet Torok jagħtu lill-UNHCR aċċess sħiħ għaċ-ċentri ta' detenzjoni fil-fruntiera Sirjana Torka biex ikunu jistgħu jimmonitorjaw ir-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement; jisħaq li l-appoġġ finanzjarju lit-Turkija fil-ġestjoni tal-flussi tar-rifuġjati jrid jirrispetta t-trasparenza baġitarja sħiħa, kif ukoll l-involviment mingħajr restrizzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet Torok itejbu l-kundizzjonijiet li fihom joperaw l-NGOs internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-esperjenza tagħha f'sistema ta' verifika speċjali ta' partijiet terzi biex issaħħaħ is-sorveljanza tal-infiq;

45. Jistieden lit-Turkija ma żżommx lir-rifuġjati f'ċentri ta' detenzjoni bil-għan li dawn jiffirmaw formoli ta' ritorn volontarju, u tiggarantixxi l-aċċess tagħhom għas-servizzi tal-kura tas-saħħa irrispettivament mill-post ta' reġistrazzjoni tagħhom fil-pajjiż;

46. Jinnota li l-FRT jappoġġja biss rifuġjati rreġistrati; jesprimi t-tħassib tiegħu li ħafna rifuġjati tħallew mingħajr assistenza peress li r-reġistrazzjoni saret diffiċli f'xi provinċji u bliet;

47. Jilqa' l-istedina tal-Kunsill lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta lill-Kunsill għall-kontinwazzjoni tal-finanzjament għar-rifuġjati Sirjani fit-Turkija, kif ukoll fil-Ġordan, il-Libanu u partijiet oħra tar-reġjun;

III. ***Prospettivi u rakkomandazzjonijiet futuri***

48. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet ta' finanzjament f'sitwazzjonijiet ta' kriżi fit-tul u bil-ħsieb tal-koordinazzjoni u t-tranżizzjoni bejn l-għajnuna umanitarja, ir-rikostruzzjoni u l-iżvilupp b'mod flessibbli u interkonness, b'mod li jkun konformi mal-miri tal-politika internazzjonali għall-iżvilupp, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-prinċipji tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp, bħall-appoġġ għall-qerda tal-faqar u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi, u fil-każ ta' intervent umanitarju, ir-rispett sħiħ tal-prinċipji tal-assistenza umanitarja tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza, bi protezzjoni sħiħa tal-ħajjiet tal-bniedem, tad-dinjità u tad-drittijiet tal-bniedem; jinsisti fuq l-ħtieġa ta' effiċjenza u effettività tal-assistenza tal-UE, sabiex ikollha effetti ġenwini fuq il-post;

49. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitqiesu t-tagħlimiet miksuba fl-istabbiliment, fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni tal-Fondi Fiduċjarji u tal-FRT sabiex jiġu applikati għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' strumenti finanzjarji esterni; kif ukoll biex jissaħħu s-sinerġiji u l-koerenza tal-assistenza esterna u l-iskrutinju parlamentari tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta r-rieżami komprensiv finali dwar l-implimentazzjoni tal-EUTFs, filwaqt li tevalwa l-allinjament tagħha mal-objettivi ta' żvilupp, drittijiet tal-bniedem u umanitarji tal-UE; jinsisti wkoll li, jekk fil-futur tinħoloq il-ħtieġa ta' kwalunkwe EUTF jew strument ad hoc ġdid, il-mekkaniżmu ta' kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni jrid jiġi definit b'mod ċar u nnegozjat mill-bidu nett bl-involviment sħiħ tal-Parlament; jemmen ukoll li l-impatt u l-viżibbiltà tal-assistenza esterna tal-UE għandhom jiżdiedu aktar, filwaqt li jenfasizza r-rwol tal-UE u tal-Istati Membri tagħha bħala l-akbar donaturi ta' finanzjament globali għall-iżvilupp;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni tar-riskju trasparenti, imwettqa minn korpi u esperti indipendenti tal-UE dwar l-impatt ta' proġetti ffinanzjati mill-UE fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u r-rifuġjati, kif ukoll fuq il-popolazzjoni usa' fil-pajjiż ikkonċernat; jitlob li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ effettiv u indipendenti biex jimmonitorja u jevalwa b'mod sħiħ id-destinazzjoni finali ta' dawn il-fondi u protokolli għal azzjoni f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali; iqis li huwa meħtieġ li l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-atturi tas-soċjetà ċivili jiġu involuti

bis-sħiħ fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu ħarsa ġenerali sħiħa u ċara tal-fondi użati għall-finanzjament tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-istrumenti finanzjarji kollha, u l-implimentazzjoni tagħhom; jissottolinja l-importanza tal-kondiviżjoni tad-data tal-awditjar mal-qafas ta' skrutinju finanzjarju tal-UE, inklużi l-QEA, l-OLAF u l-UPPE;

51. Jindika l-ħtieġa li jiġu indirizzati aħjar l-isfidi relatati mal-migrazzjoni intra-Afrikana, li jikkostitwixxu kważi 90 % tal-flussi migratorji fl-Afrika, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Unjoni Afrikana u f'konformità mal-Qafas ta' Politika dwar il-Migrazzjoni għall-Afrika u l-Pjan ta' Azzjoni 2018-2030 tagħha; jinsisti, fuq medda twila ta' żmien, madankollu, fuq il-ħtieġa ta' approċċ li jevita l-ħolqien ta' dipendenzi mill-intervent estern; jinsisti, f'dan ir-rigward, fuq l-għoti ta' setgħa permezz tal-edukazzjoni u l-importanza ta' edukazzjoni ta' kwalità fil-ħolqien ta' appoġġ aktar b'saħħtu għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

52. Jinnota li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużjoni soċjali huma tnejn mill-miri ewlenin tal-infiq tal-programmazzjoni tal-NDICI-Global Europe; itenni l-impenn tal-UE li tagħti s-setgħa lin-nisa u lill-bniet, u jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, flimkien mal-bini tar-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-Fondi Fiduċjarji u l-FRT; jirrakkomanda li analiżi u kunsiderazzjoni sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru tal-involviment tan-nisa fit-tfassil ta' proġetti appoġġjati għandhom jitwettqu regolarment fl-implimentazzjoni ta' proġetti kemm fl-ambitu tal-Fondi Fiduċjarji tal-UE kif ukoll fil-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija;

53. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm jew tirrieżamina l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi li ma jirrispettawx bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali, inkluża s-sospensjoni ta' finanzjament u proġetti speċifiċi li jipperikolaw jew jimminaw id-drittijiet tal-bniedem;

54. Filwaqt li jinnota li r-Regolament Finanzjarju jippermetti l-ħolqien ta' Fondi Fiduċjarji għall-azzjoni esterna, itenni wkoll l-insistenza fit-tul min-naħa tal-Parlament fuq il-fatt li l-assistenza esterna tiġi ffinanzjata bis-sħiħ mill-baġit tal-Unjoni u tiġi implimentata b'mod koerenti, wara sett simplifikat ta' regoli, abbażi ta' strumenti koleġiżlati u b'rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni tal-Parlament, il-prerogattivi baġitarji u ta' monitoraġġ, u tal-prinċipji tal-unità baġitarja, l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza, l-effikaċja u l-ġestjoni baġitarja tajba tal-UE; jenfasizza li l-adozzjoni ta' għodod straordinarji żżid il-kumplessità tal-governanza tal-finanzjament u titfa' pressjoni finanzjarja fuq l-istrumenti eżistenti tal-politika barranija, u b'ħekk possibbilment taffettwa l-effiċjenza tagħhom; jemmen li l-Fondi Fiduċjarji tal-UE għandhom jintużaw biss biex jirreaġixxu għal kriżi kbira f'daqqa u għal sitwazzjonijiet fejn jeħtieġ li jiġu kkoordinati diversi reazzjonijiet tad-donaturi u fejn l-objettiv ta' politika esterna ma jkunx jista' jintlaħaq bis-sħiħ mill-istrumenti ta' finanzjament estern eżistenti, u bil-kundizzjoni li dawn jirrispettaw il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-fond fiduċjarju tal-Unjoni ma jidduplikax kanali ta' finanzjament eżistenti oħra jew strumenti simili mingħajr ma jipprovdi ebda addizzjonalità, u li l-objettivi tal-fond fiduċjarju jkunu allinjati mal-objettivi tal-istrument tal-Unjoni jew mal-element baġitarju li minnu jkun iffinanzjat; jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi komunikazzjoni aktar effiċjenti fuq il-post, li tenfasizza r-rwol tal-UE bħala l-akbar donatur ta' finanzjament għall-iżvilupp globali;

55. Jirrimarka li l-akkomunament tar-riżorsi mill-FEŻ, mill-baġit tal-Unjoni u minn donaturi oħra f'fondi fiduċjarji ma għandux ibiddel il-kapaċità tal-politiki u l-programmi eżistenti tal-UE li jsegwu l-objettivi oriġinali tagħhom, bħall-qerda tal-faqar u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali;

56. Ifakkar li l-EUTFs u l-FRT għandhom jitqiesu bħala strumenti eċċezzjonali jew verament immexxija minn emerġenza li l-valur miżjud u l-effetti tagħhom fuq il-post għandhom ikunu ġġustifikati tajjeb ħafna u mmonitorjati bir-reqqa; jistenna li l-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-possibbiltajiet offruti mill-approċċ ibbażat fuq il-programm fl-ambitu tal-pilastru ġeografiku tal-NDICI-Global Europe u l-IPA III – li ma jistgħux jibqgħu jintużaw biex jiffinanzjaw l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni lit-Turkija ħlief għall-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Torok permezz tal-istrument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem – , ikkomplementat minn programmazzjoni tematika globali, finanzjament ta' rispons rapidu u r-riżerva kbira mhux ipprogrammata fl-ambitu tal-NDICI-Global Europe;

57. Ifakkar li l-fondi mir-riżerva tal-isfidi u l-prijoritajiet Emerġenti fl-ambitu tal-NDICI-Global Europe huma mistennija li jżidu l-finanzjament mill-programmi ġeografiċi u tematiċi u l-azzjonijiet għal rispons rapidu; jissottolinja li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tiddiskuti l-użu ta' dawn il-fondi bħala parti mid-djalogu ġeopolitiku mal-Parlament, u li tipprovdi informazzjoni dettaljata qabel il-mobilizzazzjoni tagħhom, filwaqt li tqis bis-sħiħ ir-rimarki tal-Parlament dwar in-natura, l-objettivi u l-ammonti finanzjarji previsti;

Il-Ħamis 7 ta' Ottubru 2021

58. Jilqa' l-istrument il-ġdid ta' finanzjament estern tal-UE, NDICI-Global Europe, peress li jipprevedi aktar possibbiltajiet fi ħdan il-baġit tal-UE biex jirreaġixxi għal emerġenzi ġodda; huwa kunfidenti li l-NDICI-Global Europe se jippermetti allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi, kif ukoll flessibbiltà u rispons suffiċjenti, filwaqt li jitgħallem mill-esperjenzi u mill-valutazzjonijiet tal-passat tal-Fondi Fiduċjarji eżistenti mill-Istrument tal-NDICI-Global Europe;

59. Jissottolinja li l-NDICI-Global Europe għandu jintuża bil-potenzjal sħiħ tiegħu, u fejn meħtieġ imtejjeb, filwaqt li r-rikors għal għodod ta' finanzjament straordinarju għandu jkun limitat għal emerġenzi mhux previsti, u b'hekk jiġu ssalvagwardjati l-unità u r-responsabbiltà demokratika tal-baġit tal-Unjoni; jissottolinja f'dan ir-rigward li l-qafas ordinarju ta' governanza tat-teħid tad-deċiżjonijiet jagħti aktar leġittimità lill-azzjoni esterna tal-UE, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi destinatarji;

60. Jitlob li l-finanzjament ta' kwalunkwe suċċessur għall-FRT attwali ma jsirx għad-detriment tal-istrumenti ta' finanzjament li għadhom kif jiġu adottati, speċjalment l-IPA III u l-NDICI-Global Europe, inklużi l-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tiegħu, peress li s-suċċessur tal-FRT ma jirrispondix għal sfida jew kriżi ġenwinament ġdida; jirrakkomanda ħafna l-finanzjament ta' kwalunkwe inizjattiva bħal din permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda, imsaħħa, jekk ikun meħtieġ, minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri; itenni li l-Parlament jeħtieġlu jkun involut bis-sħiħ u mill-bidu fid-diskussjonijiet dwar is-suċċessur tal-FRT, inklużi l-istrutturi ta' finanzjament u governanza tiegħu, li jridu jirriflettu l-oriġini tal-finanzjament u r-rwol tal-awtorità baġitarja;

61. Fil-każ ta' ħtiġijiet akbar fil-QFP 2021-2027, jirrakkomanda li l-ewwel u s-soluzzjoni ewlenija li għandha tiġi esplorata għandha tkun permezz tal-istrumenti koleġiżlati, jiġifieri billi jiżdied il-pakkett NDICI-Global Europe permezz ta' reviżjoni tar-regolamenti dwar il-QFP u l-NDICI-Global Europe, jew, bħala għażla sekondarja, u bil-kundizzjoni li l-Parlament ikun involut bis-sħiħ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u jingħata s-setgħa, tisħiħ tal-linji baġitarji NDICI-Global Europe rilevanti b'kontribuzzjonijiet fil-forma ta' dħul assenjat estern; jistenna, f'dan ir-rigward, li r-reviżjoni li jmiss tar-Regolament Finanzjarju tiżgura l-involviment xieraq tal-awtorità baġitarja fil-governanza tad-dħul assenjat estern; jisħaq li, jekk madankollu jkun hemm ħtieġa ta' Fond Fiduċjarju ġdid debitament ġustifikat, wara t-tifqigħa ta' kriżi kbira, bidla f'daqqa fir-relazzjonijiet internazzjonali li tirrikjedi rispons finanzjarju kbir tal-UE, jew il-ħtieġa li jinġabru flimkien ir-riżorsi ma' pajjiżi terzi, li ma jkunux fattibbli fl-ambitu tal-istrumenti koleġiżlati, il-Parlament jeħtieġlu jkun involut bis-sħiħ mill-bidu nett; iqis, f'dan ir-rigward, li r-Regolament Finanzjarju għandu jiġi rivedut biex jiggarantixxi r-rwol xieraq tal-Parlament fl-istabbiliment u fl-iskrutinju ta' kwalunkwe fond fiduċjarju ġdid, inkluż fit-tfassil tal-ftehim kostituttiv u l-mobilizzazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, l-implimentazzjoni, il-kontinwazzjoni u l-likwidazzjoni possibbli;

62. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-approċċ nexus fl-implimentazzjoni tal-NDICI-Global Europe, u jitlob li tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-atturi umanitarji u tal-iżvilupp tal-UE, b'mod partikolari f'ambjenti ta' wara l-kriżi u fi kriżijiet fit-tul, sabiex il-ħtiġijiet lokali jiġu adattati aħjar u jinkisbu riżultati aktar effiċjenti;

63. Jinnota li l-possibbiltajiet ta' integrazzjoni tal-politika dwar il-migrazzjoni fil-politika esterna tal-UE huma usa' b'mod sinifikanti bl-inklużjoni tal-migrazzjoni fil-komponent tar-rispons tematiku, ġeografiku u rapidu tal-NDICI; jinnota bi ħassib, madankollu, li permezz tal-komponent ta' "rispons rapidu", il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni tista' tiġi ffinanzjata mingħajr il-ħtieġa li l-Kummissjoni tippubblika kwalunkwe dokument ta' programmazzjoni jew tikkonsulta lil atturi tas-soċjetà ċivili, u mingħajr l-involviment tal-Parlament, inkluż fil-qafas tal-"Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji", li huwa nieqes minn mekkaniżmi biex jiġi vvalutat l-impatt negattiv possibbli ta' tali interventi; jinsisti f'dan ir-rigward fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-QFP 2021-2027 ikun akkumpanjat minn qafas b'saħħtu tad-drittijiet tal-bniedem għall-identifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' programmi futuri ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni;

64. Jinnota li l-NDICI-Global Europe jipprevedi evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali u r-rappurtar annwali dettaljat mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet li għaddejjin, ir-riżultati miksuba, l-effikaċja, u l-progress lejn il-miri u l-objettivi tematiċi tar-Regolament; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta metodoloġija preċiża għall-intraċċar tan-nefqa ta' 10 % allokata għall-migrazzjoni u l-ispostament furzat biex tiżgura b'mod effettiv trasparenza u obbligu ta' rendikont xierqa fir-rigward ta' din in-nefqa, kif meħtieġ mir-Regolament;

65. Jilqa' l-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet u adattament qrib għar-realtajiet lokali u l-possibbiltà li jiġu implimentati proġetti transfruntiera u ffinanzjati transfruntiera fl-EUTFs u fl-FRT, peress li dawn huma ta' valur miżjud għoli; jitlob li tali aspetti jiġu integrati fl-eżerċizzji ta' programmazzjoni futuri marbuta mal-istrumenti baġitarji għall-politika esterna tal-UE;

66. Jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-komunitajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati, inklużi l-korpi tal-gvern lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u l-mexxejja reliġjużi, f'kuntesti affettwati mill-kunflitti hija kruċjali biex jitrawmu r-rikonċiljazzjoni, id-djalogu u l-paċi; jenfasizza li l-knejjes lokali u l-organizzazzjonijiet ta' ispirazzjoni reliġjuża għandhom rwol attiv fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u fit-twassil tal-assistenza umanitarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn, u jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha magħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' appoġġ dirett lill-komunitajiet li diffiċli jintlaħqu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

67. Jisħaq fuq l-importanza li sehem sostanzjali tal-finanzjament futur tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni jiġi allokat għall-gruppi tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi biex jipprovdu assistenza u għall-protezzjoni u l-monitoraġġ tad-drittijiet tal-migranti, u li jiġi żgurat li parti sinifikanti tal-finanzjament tal-UE tkun allokata għat-titjib tad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni internazzjonali, u l-perspettiva futura tar-rifuġjati;

68. Jistieden lill-Kummissjoni tadatta l-metodi ta' programmazzjoni għar-realtajiet lokali u għall-isfidi lokali emerġenti u tappoġġja s-sjieda lokali fl-implimentazzjoni tal-istrumenti l-ġodda tal-UE għall-iżvilupp; jistieden ukoll lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet u tadatta r-rispons tal-UE għall-ħtiġijiet lokali;

69. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltajiet biex tinvolvi lil sħab minn pajjiżi terzi f'inizjattivi konġunti u fil-finanzjament tal-indirizzar ta' sfidi komuni bħall-migrazzjoni, l-ispostament furzat, it-tibdil fil-klima, l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli;

70. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-investimenti fl-edukazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi biex tipprovdi possibbiltajiet lil persuni f'pajjiżi sħab ħalli jinvolvu ruħhom f'attivitajiet lokali li jiġġeneraw id-dħul;

71. Jistenna li l-Kummissjoni tindirizza l-kriżijiet attwali jew futuri u l-ħtiġijiet potenzjali ta' rikostruzzjoni b'mod aktar effiċjenti u mmirat billi tuża l-modi eżistenti u mezzi oħra possibbli fl-ambitu tar-Regolament Finanzjarju attwali f'kooperazzjoni mill-qrib u koordinata mal-Istati Membri u istituzzjonijiet oħra tal-UE bħala "Tim Ewropa", u mas-sħab u d-donaturi internazzjonali tal-istess fehma;

o

o o

72. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kunsill.